

Brussell, 5 ta' Settembru 2019  
(OR. en)

11940/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2019/0179(COD)**

---

**TRANS 423**  
**AVIATION 180**  
**PREP-BXT 147**  
**CODEC 1359**

**PROPOSTA**

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Settembru 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 396 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2019/501 u r-Regolament (UE) 2019/502 fir-rigward tal-perjodi ta' applikazzjoni tagħhom

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 396 final.

---

Mehmuż: COM(2019) 396 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 4.9.2019  
COM(2019) 396 final

2019/0179 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/501 u r-Regolament (UE) 2019/502 fir-rigward tal-  
perjodi ta' applikazzjoni tagħhom**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li, jekk ma jiġix ratifikat il-Ftehim dwar il-Ħruġ<sup>1</sup>, il-leġiżlazzjoni primarja u sekondarja tal-Unjoni tieqaf tapplika għar-Renju Unit mid-data tal-ħruġ. Ir-Renju Unit imbagħad isir pajjiż terz.

Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni mingħajr ftehim jaffettwa l-provvista kontinwa ta' servizzi tat-trasport bit-triq u bl-ajru bejn l-Unjoni u r-Renju Unit, li wara l-ħruġ mhux se jkollhom aktar bażi fid-dritt tal-Unjoni. Dan iwassal għal waqfien tal-konnettività u tfixkil serju tat-trasport bit-triq u bl-ajru bejn l-Unjoni u r-Renju Unit.

Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2018 dwar it-“Tħejjija għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Marzu 2019: Pjan ta' Azzjoni ta' Kontinġenza”<sup>2</sup>, il-Kummissjoni stabbiliet il-prinċipji sottostanti għall-miżuri ta' kontinġenza, inkluż li għandhom ikunu strettament limitati biż-żmien.

Fit-13 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill Ewropew (l-Artikolu 50) tenna s-sejħa tiegħu sabiex tiġi intensifikata l-ħidma għat-tħejjija fil-livelli kollha għall-konsegwenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit, filwaqt li jitqiesu l-eżiti kollha possibbli.

B'konsegwenza ta' dan, fid-19 ta' Diċembru 2018 il-Kummissjoni Ewropea adottat proposti għal għadd ta' miżuri ta' kontinġenza biex jiżguraw konnettività bażika bejn l-Unjoni u r-Renju Unit, inklużi proposti għal regolamenti li jiżguraw konnettività bażika bit-triq<sup>3</sup> u bl-ajru<sup>4</sup>. Fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit fit-30 ta' Marzu 2019, fil-25 ta' Marzu 2019 il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2019/501 li jiżgura konnettività bażika bit-triq<sup>5</sup> (minn hawn 'il quddiem “ir-Regolament (UE) 2019/501”) u r-Regolament (UE) 2019/502 li jiżgura konnettività bażika bl-ajru<sup>6</sup> (minn hawn 'il quddiem “ir-Regolament (UE) 2019/502”).

B'konformità mal-prinċipji sottostanti għall-miżuri ta' kontinġenza, iż-żewġ Regolamenti huma limitati fil-kamp ta' applikazzjoni u huma maħsuba biex japplikaw għal perjodi limitati ta' żmien. Fid-dawl tad-data inizjali tal-ħruġ u tal-arranġamenti possibbli għal konnettività bażika li jridu jsiru fis-sistema ta' kwoti multilaterali tal-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport (ECMT), ir-Regolament (UE) 2019/501 japplika sal-31 ta' Diċembru 2019. Jekk jitqiesu l-ispeċifitajiet staġjonali tas-settur tal-avjazzjoni u li tiġi ffaċilitata l-provvista tas-

<sup>1</sup> Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU C 144I, 25.4.2019, p. 1.

<sup>2</sup> COM(2018)880 final, 13.11.2018.

<sup>3</sup> COM(2018)895 final, 19.12.2018.

<sup>4</sup> COM(2018)893 final, 19.12.2018.

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/501 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2019 dwar regoli komuni li jiżguraw il-konnettività bażika tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u tal-passiġġieri bit-triq fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni, ĠU L 85I, 27.3.2019, p. 39.

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/502 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2019 dwar regoli komuni biex tiġi żgurata konnettività bażika fit-trasport bl-ajru fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni, ĠU L 85I, 27.3.2019, p. 49.

servizzi tat-trasport bl-ajru, il-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/502 ġie allinjat mal-iskadenza tal-istaġun tax-xitwa 2019/20 tal-IATA.

Ir-Regolament (UE) 2019/501 u r-Regolament (UE) 2019/502 kienu ġew adottati flit wara l-ewwel estensjoni qasira tal-perjodu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 50(3) tat-TUE, sat-12 ta' April 2019. Wara l-adozzjoni ta' dawn l-atti, fuq talba tar-Renju Unit, il-Kunsill Ewropew (l-Artikolu 50) qabel fil-11 ta' April 2019<sup>7</sup> li jestendi aktar il-perjodu previst fl-Artikolu 50(3) tat-TUE sal-31 ta' Ottubru 2019.

Sakemm ir-Renju Unit ma jirratifikax il-Ftehim ta' Ħruġ sal-31 ta' Ottubru 2019 jew ma jitlobx it-tielet estensjoni, li trid tkun maqbula b'unanimità mill-Kunsill Ewropew (l-Artikolu 50), il-perjodu skont l-Artikolu 50(3) tat-TUE jiskadi dakinhar. Mill-1 ta' Novembru 2019 ir-Renju Unit imbagħad ikun pajjiż terz mingħajr ftehim li jiżgura ħruġ ordnat.

Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ġunju 2019 dwar "L-istat attwali tat-tħejjijiet ta' miżuri ta' kontinġenza għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea"<sup>8</sup>, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri kollha ta' tħejjija u ta' kontinġenza fil-livell tal-UE għadhom adatti għall-iskop tagħhom. Madankollu, huwa evidenti li l-estensjoni tal-perjodu tal-Artikolu 50(3) tat-TUE b'seba' xhur sal-31 ta' Ottubru 2019 għandha impatt fuq ċerti miżuri ta' kontinġenza diġà adottati. Dan jaffettwa b'mod partikolari l-miżuri ta' kontinġenza, bħar-Regolamenti (UE) 2019/501 u (UE) 2019/502 b'data fissa li fiha jieqfu japplikaw. Fil-Komunikazzjoni tat-12 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni diġà impenjat ruħha li tqis jekk dawn l-atti jeħtiġux aġġustament tekniku biex iqisu l-kronoloġija l-ġdida tal-ħruġ tar-Renju Unit.

B'mod partikolari fil-każ tar-Regolament (UE) 2019/501, jekk tinżamm id-data oriġinali tal-applikazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2019 u r-Renju Unit joħroġ mill-Unjoni mingħajr ftehim fl-1 ta' Novembru 2019, dan jillimita l-perjodu ta' applikazzjoni tar-regolament għal xahrejn biss li jonqos milli jikseb l-iskop maħsub tiegħu, sa fejn dan ikun relatat mal-perjodu ta' applikazzjoni tar-regolament.

Bl-istess mod, ir-Regolament (UE) 2019/502 ikun applikabbli għal inqas minn nofs il-perjodu ta' applikazzjoni inizjalment maħsub jekk jieqaf japplika fit-30 ta' Marzu 2020, kif jipprevedu d-dispożizzjonijiet attwali tiegħu. Dan jillimita b'mod sinifikanti l-perjodu li matulu t-trasportaturi tar-Renju Unit ikunu jistgħu joperaw titjiriet lejn l-Unjoni.

Jeħtieġ li jiġi żgurat li r-Regolamenti ta' kontinġenza diġà adottati jilħqu bis-sħiħ l-oġġettivi tagħhom kif definiti inizjalment, sa fejn dawn ikunu relatati mal-perjodu ta' applikazzjoni tagħhom, minkejja l-posponiment tad-data tal-ħruġ tar-Renju Unit. B'riżultat ta' dan, din il-proposta għandha l-għan li testendi l-perjodu ta' validità tar-Regolamenti (UE) 2019/501 u (UE) 2019/502 b'seba' xhur, li jikkorrispondu għat-tul tal-estensjoni tal-perjodu tal-Artikolu 50(3) tat-TUE. Din l-estensjoni tikkonforma mal-prinċipji sottostanti għall-miżuri ta' kontinġenza, b'mod partikolari għall-prinċipju li l-miżuri ta' kontinġenza jenħtieġ li jkunu strettament limitati biż-żmien.

B'konsegwenza ta' dan, qed jiġi propost li r-Regolament (UE) 2019/501 jieqaf japplika fil-31 ta' Lulju 2020, minflok fil-31 ta' Diċembru 2019. Barra minn hekk, biex jiġi żgurat li l-għażla pprovduta skont l-Artikolu 2(3)(d) tar-Regolament (UE) 2019/501 tkun disponibbli għal perjodu sinifikanti skont l-ordni ta' kobor inizjalment maħsuba, il-perjodu li matulu jistgħu jitwettqu servizzi ta' kabotaġġ tal-passiġġieri bit-triq fir-reġjun tal-fruntiera tal-Irlanda

<sup>7</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/584, ĠU L 101, 11.4.2019, p. 1.

<sup>8</sup> COM(2019)276 final, 12.6.2019.

jenħtieġ li jiġi ddefinit bħala sitt xhur li jibdew mid-data ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament. Jenħtieġ li din ir-regola tissostitwixxi r-referenza attwali għad-data ta' tmiem tat-30 ta' Settembru 2019. Il-perjodu għall-Kummissjoni biex teżerċita s-setgħat delegati msemmija fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament jenħtieġ li jiġi aġġustat għad-data l-għdida li fiha jieqaf japplika dak ir-Regolament. Jenħtieġ li l-perjodu stabbilit fl-Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament jibqa' l-istess.

Fir-rigward tar-Regolament (UE) 2019/502 u b'konformità mat-termini ta' din il-proposta, ir-Regolament jieqaf japplika sa mhux aktar tard mill-24 ta' Ottubru 2020, li hija l-aħħar data tal-istaġun tas-sajf 2020 tal-IATA. B'hekk jinżamm il-perjodu ta' applikazzjoni inizjalment previst tiegħu ta' tnax-il xahar.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta hija emenda limitata ta' ċerti dispożizzjonijiet relatati mal-perjodu ta' applikazzjoni ta' żewġ Regolamenti eżistenti li jirrappreżentaw *lex specialis* u jindirizzaw uħud mill-konsegwenzi li jirriżultaw mill-fatt li d-dritt tal-Unjoni mhux se jibqa' japplika għar-Renju Unit. Id-dispożizzjonijiet sostanzjali tal-atti emendati jibqgħu mhux affettwati u se jkomplu japplikaw. Din il-proposta hija kompletament konsistenti mal-leġislazzjoni eżistenti.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija parti mill-miżuri ta' kontinġenza tal-Unjoni għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni mingħajr ftehim dwar il-ħruġ u hija allinjata bis-sħiħ magħhom.

## 2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Meta titqies li l-bażi ġuridika għaż-żewġ Regolamenti li għandhom jiġu emendati hija rispettivament l-Artikoli 91(1) u 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), jenħtieġ li tintuża l-istess bażi ġuridika għal dan ir-Regolament emendatorju.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Peress li l-proposta temenda d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni eżistenti, l-oġettiv tagħha jista' jinkiseb biss permezz ta' att fil-livell tal-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Ir-Regolament propost jitqies proporzjonat peress li ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jiġi indirizzat l-impatt tal-estensjoni tal-perjodu tal-Artikolu 50(3) tat-TUE għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq ir-Regolamenti ta' kontinġenza eżistenti dwar il-konnettività bit-triq u bl-ajru. Ir-Regolament joqgħod lura minn xi bidliet usa' li mhumiex relatati mal-estensjoni tal-perjodu stabbilit fl-Artikolu 50(3) tat-TUE.

- **Għażla tal-istrument**

Peress li l-proposta għandha l-għan li temenda ż-żewġ Regolamenti eżistenti, l-istrument magħżul huwa wkoll Regolament. Minħabba l-għadd limitat ta' bidliet proposti, mhumiex meħtieġ li ssir riformulazzjoni taż-żewġ Regolamenti.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tar-Regolament propost u n-natura eċċezzjonali u ta' darba tal-avveniment li jeħtieġ din il-proposta, f'it wara l-adozzjoni taż-żewġ atti kkonċernati.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tar-Regolament propost u n-natura eċċezzjonali u ta' darba tal-avveniment li jeħtieġ din il-proposta. Kif spjegat hawn fuq, il-proposta għandha sempliċiment l-għan li tittrasponi l-approċċ li huwa l-bażi taż-żewġ atti kkonċernati, fir-rigward ta' perjodi ta' żmien differenti, għas-sitwazzjoni l-ġdida li se tinħoloq wara l-estensjoni tal-perjodu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 50(3) tat-TUE.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Din il-proposta ġiet soġġetta għal analiżi ġuridika u teknika interna biex jiġi żgurat li l-miżura proposta tilħaq l-iskop maħsub tagħha, iżda fl-istess ħin hija limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux meħtieġa valutazzjoni tal-impatt minħabba n-natura eċċezzjonali tas-sitwazzjoni u l-kamp ta' applikazzjoni limitat. Kif spjegat hawn fuq, il-proposta għandha sempliċiment l-għan li tittrasponi l-approċċ li huwa l-bażi taż-żewġ atti kkonċernati, fir-rigward ta' perjodi ta' żmien differenti, għas-sitwazzjoni l-ġdida li se tinħoloq wara l-estensjoni tal-perjodu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 50(3) tat-TUE.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq l-applikazzjoni jew il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Mhux applikabbli.

### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Mhux applikabbli minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat u n-natura qasira tal-miżura proposta.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/501 u r-Regolament (UE) 2019/502 fir-rigward tal-perjodi ta' applikazzjoni tagħhom**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91(1) u 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>2</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. It-Trattati se jieqfu japplikaw għar-Renju Unit mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ftehim dwar il-ħruġ jew, fin-nuqqas ta' dan, sentejn wara li tkun saret dik in-notifika, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi qbil mar-Renju Unit, ma jiddeċidix b'mod unanimu li jestendi dak il-perjodu.
- (2) Sabiex titħejja għall-possibbiltà li r-Renju Unit joħroġ mill-Unjoni mingħajr ftehim fit-30 ta' Marzu 2019, fil-25 ta' Marzu 2019 ġew adottati r-Regolament (UE) 2019/501 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> u r-Regolament (UE) 2019/502 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup> biex jiżguraw il-konnettività bażika tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u tal-passiġġieri bit-triq u l-konnettività bażika bl-ajru bejn l-Unjoni u r-Renju Unit.
- (3) Dawk l-atti kienu ġew adottati f'it wara l-ewwel estensjoni qasira tal-perjodu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 50(3) tat-TUE, sat-12 ta' April 2019. Fuq talba tar-Renju Unit, il-

<sup>1</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>2</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/501 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2019 dwar regoli komuni li jiżguraw il-konnettività bażika tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u tal-passiġġieri bit-triq fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni, ĠU L 85I, 27.3.2019, p. 39.

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/502 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2019 dwar regoli komuni biex tiġi żgurata konnettività bażika fit-trasport bl-ajru fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni, ĠU L 85I, 27.3.2019, p. 49.

Kunsill Ewropew qabel fil-11 ta' April 2019<sup>5</sup> li jestendi aktar dak il-perjodu sal-31 ta' Ottubru 2019. Sakemm ir-Renju Unit ma jirratifikax il-Ftehim ta' Ħruġ<sup>6</sup> sal-31 ta' Ottubru 2019 jew ma jitlobx it-tielet estensjoni, li trid tkun maqbula b'unanimità mill-Kunsill Ewropew, il-perjodu skont l-Artikolu 50(3) tat-TUE se jiskadi fil-31 ta' Ottubru 2019. Ir-Renju Unit imbagħad isir pajjiż terz mill-1 ta' Novembru 2019.

- (4) Ir-Regolament (UE) 2019/501 u r-Regolament (UE) 2019/502 jiefqu japplikaw fil-31 ta' Diċembru 2019 u fit-30 ta' Marzu 2020, rispettivament. Sabiex jiġi indirizzat l-impatt tal-iskeda ta' żmien il-ġdida għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, wara l-estensjoni ulterjuri tal-perjodu tal-Artikolu 50(3) tat-TUE b'seba' xhur, jenħtieġ li jiġi estiż il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dawk ir-Regolamenti, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji fundamentali sottostanti għall-miżuri ta' kontinġenza u l-perjodi ta' applikazzjoni tagħhom li kienu oriġinarjament maħsuba għalihom.
- (5) Minħabba l-estensjoni b'seba' xhur tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 50(3) tat-TUE, jenħtieġ li l-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/501 jiġi estiż b'seba' xhur sal-31 ta' Lulju 2020. Jenħtieġ li l-perjodu ta' applikazzjoni inizjalment maħsub ta' disa' xhur jinżamm, u jiġi żgurat li jinkiseb l-objettiv tiegħu li mal-ħruġ tar-Renju Unit tinżamm temporanjament il-konnettività bit-triq.
- (6) Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-passiġġieri jistgħu jinġabru u jitniżżlu fir-reġjun tal-fruntiera tal-Irlanda matul servizzi internazzjonali tat-trasport regolari u regolari speċjali tal-passiġġieri bejn l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq għall-istess perjodu ta' sitt xhur inizjalment maħsub. Għalhekk, jenħtieġ li r-referenza għad-data tat-tmiem imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) 2019/501, tiġi sostitwita b'referenza għal perjodu ta' sitt xhur mid-data tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.
- (7) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fil-ġbir u t-tniżżil tal-passiġġieri fir-reġjun tal-fruntiera tal-Irlanda matul servizzi internazzjonali tat-trasport regolari u regolari speċjali tal-passiġġieri bejn l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq, jenħtieġ ukoll li l-validità tal-awtorizzazzjonijiet għall-operaturi ta' servizz tal-kowċ u x-xarabank tar-Renju Unit imsemmija fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2019/501, tiġi aġġustata għad-data l-ġdida li fiha jieqaf japplika dak ir-Regolament.
- (8) Il-perjodu għall-Kummissjoni biex teżerċita s-setgħat delegati msemmija fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/501 jenħtieġ li jiġi aġġustat għad-data l-ġdida li fiha jieqaf japplika dak ir-Regolament.
- (9) Minħabba l-estensjoni b'seba' xhur tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 50(3) tat-TUE u fin-nuqqas ta' kwalunkwe adattament, ir-Regolament (UE) 2019/502 ikun applikabbli għal inqas minn nofs il-perjodu inizjalment maħsub jekk jieqaf japplika fit-30 ta' Marzu 2020. Dan jillimita b'mod sinifikanti l-perjodu li matulu t-trasportaturi tar-Renju Unit ikunu jistgħu joperaw titjriet lejn l-Unjoni. B'konsegwenza ta' dan, sabiex jiġi rifless il-perjodu inizjali previst ta' applikazzjoni, jenħtieġ li l-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/502 jiġi estiż b'seba' xhur oħra. Sabiex jikkoinċidi mal-aħħar jum tal-istaġun tas-sajf 2020 tal-IATA, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/502 jieqaf japplika sa mhux aktar tard mill-24 ta' Ottubru 2020.
- (10) Filwaqt li titqies l-inċertezza dwar id-data ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/501 u tar-Regolament (UE) 2019/502 u sabiex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet

<sup>5</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/584, ĠU L 101, 11.4.2019, p. 1.

<sup>6</sup> Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU C 144I, 25.4.2019, p. 1.

ta' dan ir-Regolament japplikaw f'waqthom u fiċ-ċirkostanzi kollha, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

#### **Emendi għar-Regolament (UE) 2019/501**

Ir-Regolament (UE) 2019/501 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 2, il-punt 3(d) huwa sostitwit b'dan li ġej:  
“(d) il-ġbir u t-tniżżil ta' passiġġieri fir-reġjun tal-fruntiera tal-Irlanda matul servizzi regolari u servizzi regolari speċjali internazzjonali bejn l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq, għal perjodu ta' sitt xhur li jibda mid-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kif stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 12.”;
- (2) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:  
“3. L-awtorizzazzjonijiet li jibqgħu validi taħt il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jistgħu jkomplu jintużaw għall-iskopijiet speċifikati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jekk ikunu ġew imġedda taħt l-istess termini u kundizzjonijiet, jew jinbidlu f'termini ta' waqfiet, nollijiet jew skeda, u soġġetti għar-regoli u l-proċeduri tal-Artikoli 6 sa 11 tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 għal perjodu ta' validità li ma jestendix lil hinn mill-31 ta' Lulju 2020.”;
- (3) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:  
“1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikoli 7(2) u 8(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Lulju 2020.”;
- (4) fl-Artikolu 12, ir-raba' paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:  
“Dan ir-Regolament għandu jieqaf japplika fil-31 ta' Lulju 2020.”.

### *Artikolu 2*

#### **Emenda għar-Regolament (UE) 2019/502**

Fl-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) 2019/502, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) l-24 ta' Ottubru 2020.”.

### *Artikolu 3*

#### **Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew  
Il-President*

*Għall-Kunsill  
Il-President*